**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta' April, 2016

Rikors numru : 73/2016 AL

A B

Vs

C B

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti zzewwget lill-intimat gewwa l-Knisja Parrokjali ta' Hal Luqa fl-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elf disa` mija u disgha u tmenin (1989) (Dok. 'A');

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied u cioe` N u T ahwa B li twieldu fit-tlieta u ghoxrin ta' Jannar ta-sena elf disa` mija wiehed u disghin (23/01/1991) u fis-sitta u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elf disgha mija tlieta u disghin (26/01/1993) rispettivament, u ghalhekk illum il-gurnata t-tnejn huma maggorenni;

3. Illi r-rikorrenti u zewgha l-intimat isseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt in atti n-Nutar Ruben Casingena, datat hamsa ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (05/12/2002), liema

kopja awtentitkata mill-imsemmi nutar tal-kuntratt ta' separazzjoni tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'B' ;

4. Illi llum il-gurnata m'hemm ebda prospett li r-rikorrenti tirrikoncilja mal-intimat zewgha stante li ilhom ghal dawn l-ahhar tlettax-il sena separati minn xulxin u jghixu hajja separata minn xulxin ;

5. Illi, in oltre ma hemm l-ebda pendenza rigward il-manteniment f'dan l-istadju stante li l-intimat dejjem hallas b'mod regolari l-manteniment ghal uliedu meta dawn kienu ghadhom minorenni, mentri ma kien dovut l-ebda manteniment lir-rikorrenti mill-intimat;

6. Illi, in oltre, ir-rikorrenti ma' dan ir-rikors qieghda tipprezenta l-affidavit taghha (Dok. C) ;

7. Illi r-rikorrenti tixtieq li tottjeni id-divorzju u taqbel li z-zwieg mal-intimat ghandu jigi mahlul ;

8. Illi dawn il-fatti sopra citati jissodisfaw pienament il-kundizzjonijiet mehtiega ghal ottjeniment tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

9. In oltre, ir-rikorrenti tixtieq li tirriverti ghal kunjom xbubitha , ossia, 'N'

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tawtorizza u tippronunzja d-divorzju bejnha u l-intimat zewgha, C B u tiddikjara z-zwieg mahlul ai termini tal-Artikoli 66 A *et* seq tal-Kodici Civili u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qorti javza lid -Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku u kif ukoll tawtrizzaha li tirriverti ghal kunjom xbubitha ossia, 'N' u ghalhekk tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotazzjonijiet mehtiega f'dan is-sens u dan taht kull provvediment iehor li dina l-Qorti jidhrilha xieraq u opportune;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Frar, 2016;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla jiddikjara illi ma jopponix ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti qeghda titlob illi tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "N". Il-Qorti qeghda tilqa' din it-talba u tidderigi lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni kollha mehtiega f'dan ir-rigward;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta' Dicembru 2002;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "N", qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.